MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1075/2003

**Micallef & Zammit Limited**

**vs**

**Philip u Mary Grace konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u tletin lira Maltin (Lm1230) rappresentanti l-import ta' disgha kambjali ta' Lm50 kull kambjala (skaduti fit-28 ta' April 2000, fit-28 ta' Mejju 2000, fit-28 ta' Gunju 2000, fit-28 ta' Lulju 2000, fit-28 ta' Awissu 2000, fit-28 ta' Settembru 2000, fit-28 ta' Ottubru 2000, fit-28 ta' Novembru 2000, fit-28 ta' Dicembru 2000), flimkien ma' zewg kambjali ta' LM390 kull kambjala (skaduti fit-28 ta' Jannar 2001 u fit-28 ta' Frar 2001), kopji ta' liema kambjali huma annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti "A" sa "F".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 2003 (kopja annessa bhala Dokument “G”) u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mitejn u tletin lira Maltin (Lm1230), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------